# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' l-20 ta' Settembru 2023**

**Talba nru. 506/2018**

**CHARLES VASSALLO SIVE CARMEL**

*VERSUS*

**PAWLU BEZZINA**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentata fit-23 t'Ottubru 2018 fejn l-attur ippremetta illi l-konvenut ghandu jigi dikjarat responsabbli u konsegwentament ikkundannat jhallas l-ammont hekk likwidat rapprezentanti xogholijiet u materjali illi intuzaw minnu sabiex jinbena garaxx u xogholijiet ohra li saru fuq l-istess art maghrufa Ta Smetta f'Wied il-Hesri, Siggiewi. Bl-Ispejez kontra l-konvenut.

Ra illi l-intimat ressaq risposta fis-16 ta' Novembru 2018 fejn eccepixxa illi l-konvenut ma kienx il-proprjetarju wahdieni fuq l-art imsemmija mill-attur, illi l-attur ghandu jispecifika fuq liema bazi legali qieghed isejjes il-pretensjonijiet tieghu stante illi dawn qed jigu respinti fil-fatt u fid-dritt. L-intimat eccepixxa wkoll illi l-ammont ghandu jigi specifikat u li jgib kull prova tax-xogholijiet li saru minnu u taz-zieda fil-valur ta' l-art. L-intimat wiegeb ukoll illi x-xogholijet li qed issir referenza ghalihom ilom li saru 40 sena u ghaldaqstant huma preskritti kif ukoll illi l-attur kien qed jokkupa l-garaxx minghajr titolu tant li kellu jigi zgumbrat permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fil-11 ta' Mejju 2015 u jekk saru xi benefikati dawn saru a spejez u riskju tieghu u llum xejn mhu dovut. Bl-ispejjez inkluz dawk tan-nota responsiva numru 995/17.

Ra l-affidavits prezentati ta' Charles Vassallo, Victoria Vassallo, Mary Farrugia, Nazzarenu Farrugia, Nikola Bezzina.

Sema x-xhieda;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri;

Ra l-atti processwali;

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi ghal kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun ghaqli li jsir riassunt tal-provi migjuba.

Provi

Illi l-attur fl-affidavit ighid illi huwa trabba mal-familja tal-konvenut u li kien baqa jiehu hsieb lill-genituri tal-konvenut sakemm gew nieqsa. Ix-xhud ighid li kien bena garaxx fuq art ta' missier il-konvenut u ghamel hafna xoghol fih. Kien sahansitra ta kopja tac-cavetta tal-garaxx lil missier il-konvenut u dan kien idahhal il-mutur tal-hart f'dan l-istess garaxx. Wara l-mewt ta' missier il-konvenut, l-attur kien biddel is-serratura tal-garaxx. L-attur ighid illi "*ghedtlu wkoll illi biex incedi l-pussess tal-garaxx, l-ahwa kellhom jikkumpensawni ghal dak li jien kont ghamilt, bhalma wara kollox kienet l-istess xewqa ta' missierhom.*"

L-attur ighid illi kien hemm l-intenzjoni ta' missier il-konvenut li dan il-garaxx jghaddi fuqu b'att ghand nutar. Dan ma kienx sehh, izda l-attur kien ircieva ittra minghand Nikol Bezzina li kien ipproponilu illi jithallas ta' l-ispejjez tal-kostruzzjoni tal-garaxx u sahansitra kienet intbaghtet stima tal-Perit Tancred Mifsud illi l-attur ma kienx qed jaqbel maghha.

Fl-affidavit jghid illi l-intenzjoni tieghu kienet illi jigi kumpensat tax-xoghol li ghamel fil-garaxx jew jinghata fejn ikollu garaxx. L-attur kien gie zgumbrat mill-garaxx permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell nhar il-11 ta' Mejju 2015. Meta gie zgumbrat, l-attur talab illi jigi kumpensat tax-xogholijiet li ghamel u kien gab stima minghand il-Perit Robert Musumeci (Fol.19) liema stima tammonta ghal Eur 3,916.80.

Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2019 xehed Pawlu Bezzina li jghid illi l-attur kien iffitta lil missieru biex jibni garaxx madwar erbghin sena ilu go ghalqa ta' missier il-konvenut .(Fol.36) Il-konvenut ighid illi hu flimkien ma hutu kienu ghenu lill-attur jibni dan il-garaxx u fil-fatt il-gebel ingieb b'xejn minghand xi zijiet li kellhom il-barriera. Ighid illi dan il-garaxx kien jintuza minn missieru biex idahhal il-mutur tal-hart. Ix-xhud ighid illi kien hemm nies ohra li kellhom kopja tac-cavetta bhar-ragel t'ohtu, missieru u l-attur.

Illi l-attur ipprezenta affidavit ulterjuri fejn jghid illi l-garaxx bnieh kollu hu a spejjez tieghu. F'din ix-xhieda l-attur jikkontesta l-fatt li kellu xi ghajnuna biex inbena l-garaxx min-nies li semma l-konvenut. Mart l-attur Victoria Vassallo xehdet permezz ta' affidavit fejn qalet li l-garaxx inbena kollu mir-ragel taghha Charlie Vassallo ghaliex sahansitra kienet marret tghinu jaghmel il-pedament u li dakinhar stess kien gie familjari tal-konvenut bil-gebel u thallas dak il-hin fuq il-post. Ix-xhud tghid li huha u missierha kienu jghinu lir-ragel taghha jibni l-garaxx u l-attur kien hallas lil huha quddiemha fl-1972.

Mary Farrugia xehdet, permezz ta' affidavit, illi hija oht il-konvenut Pawlu Bezzina. Tghid illi iktar minn 40 sena ilu kien inbena dan il-garaxx sabiex il-familja jkollha fejn tpoggi l-muur tal-hart u ingenji ohra. Tghid illi familja taghha kollha ghenu fil-bini tal-garaxx bl-eccezzjoni ta' huha Nikol li kienu ghadu zghir u student. Ix-xhud tghid li r-ragel taghha kien ha z-zrar, ramel u mixer sabiex isir is-saqaf tal-garaxx.

Nazzareno Farrugia, ragel ta' Mary Farrugia jikkonferma dak li qalet il-mara tieghu rigwad il-bini tal-garaxx. Jghid illi hu kien hadem ghal 3 xhur biss il-Libja imbaghad beda jahdem fil-kostruzzjoni. Kien ghen fil-bini tal-garaxx flimkien ma' l-attur, il-konvenut u missier il-mara. Ix-xhud ighid li kien juza l-garaxx b'mod liberu. Ikompli jghid illi huwa kien ssupplixxa materjal ghal bini tal-garaxx.

Fis-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 2020 xehed l-attur in kontro ezami li rega kkonferma illi l-garaxx inbena minnu fis-sena 1972. Izid ighid illi huwa kien ser ihallas lil missier il-konvenut billi jghinu fir-raba.

Nikola Bezzina ipprezenta affidavit (Fol.154) fejn jibda billi jispjega illi huwa hu l-konvenut. Ix-xhud jispjega kif fl-1972 l-attur kien talab lil missieru sabiex jibni garaxx fuq art propjeta ta' missieru. Omm ix-xhud ma kienetx taqbel li l-attur jithalla jibni dan il-garaxx izda missieru accetta u dejjem kien jghid illi "*hemm hekk had ma ghandu xejn, kollox tieghi.*" Ix-xhud ighid illi fil-bidu l-garaxx beda jinbena mill-attur izda imbaghad fil-weekends gieli kien jigi jghinu hu l-mara tieghu Charles Higgins.

Ix-xhud ikompli jzid illi r-ragel ta' ohtu u cioe oht il-konvenut ukoll ghen fil-bini tal-garaxx ghaliex xogholu kien fil-gebel. Jghid illi hutu u missieru kellhom access ghal dan il-garaxx anke ghal fatt illi missieru kien izomm il-bieb dejjem miftuh minhabba li kellu xi ghasafar. Ighid illi missieru kien jiehu hsieb l-prodotti ta' l-ghelieqi u f'certu zmien partikolari kien ikun hemm bzonn l-ghajnuna u kienu jmorru jghinuh. Maghhom kien ikun hemm l-attur li kien jiehu sehemu mill-prodotti bhal kulhadd.

Fir-rigward ta' xogholijiet ta' injam min-naha ta' l-attur, ix-xhud ighid illi hu kien sahansitra ra l-ircevuti li l-attur kien jaghti lill-ommu u li taghhom kien jithallas. Ix-xhud spjega kif missieru u ommu kienu ghamlu testment u li wara l-mewt ta' ommu, l-attur kien ipprova jikkonvinci lil missieru sabiex ibiddel it-testment sabiex l-attur jithalla bhala uzufruttwarju tal-garaxx. L-attur kien sahansitra kellem lix-xhud biex jikkonvinci lil hutu jaghtu l-kunsens sabiex isir dan it-tibdil fit-testment li eventwalment ma gietx accettata.

**Ikkunsidra**

Illi din it-talba tirrigwarda hlas ta' materjal li jirraprezentaw xogholijiet u materjal illi intuza mill-attur sabiex bena garaxx fuq art li illum hija tal-konvenut u qabel kienet tghajjat lill-familja tal-konvenut. Tali binja saret madwar erbghin sena ilu.

Illi l-partijiet f'din il-kawza, kif inhu normali, ghandhom verzjoni totalment kontrastanti meta jispjegaw kif u min bena l-garaxx mertu tal-kawza. L-attur jghid li bnieh hu flimkien ma' familjari tieghu filwaqt lil-konvenut isostni li l-familja tieghu kollha ghenu fil-bini. L-istess jinghad ghal materjal uzat ghal bini tal-garaxx fejn l-attur jghid li kellu jhallas ghal kollox filwaqt li l-konvenut ighid li ma kienx hemm spejjez ghax kollox ghamlu huma u gabu materjal b'xejn.

Illi l-attur f'din il-kawza qieghed jitlob lit-Tribunal sabiex jillikwida somma illi ghandha tithallas lilu rapprezentanti xogholijet illu huwa ghamel fuq l-art tal-konvenut kif ukoll tal-valur mizjud illi illum ghandha din l-art b'konsegwenza tal-bini tal-garaxx.

Illi fil-kors tal-gbir tax-xhieda, l-attur ma pprezenta l-ebda prova dwar l-ispejjez li huwa nefaq, anke ghaliex it-trapass taz-zmien jaghmilha difficli hafna jekk mhux impossibli biex tingieb tali prova, kemm-il darba tkun tezisti. L-attur gab biss stima ta' kemm hija nefqa illum biex tibni garaxx bhal ma allegatament bena l-attur.

Illi dan it-Tribunal irid jibda billi jissottolinea illi l-attur fin-nota tieghu injora ghal kollox l-eccezzjonijiet tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni. Hija l-fehma tat-Tribunal anke a bazi ta' l-argumentazzjoni tad-difensur ta' l-attur fin-nota ta' sottomissjonijet, (ghalkemm it-Tribunal ghandu jkollu quddiemu specifikament fuq liema artikolu t-talba attrici qed tigi bbazata) illi l-azzjoni attrici hija iktar imsejjsa fuq l-artikolu 1028A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

*"Min, mingħajr kawża ġusta, jarrikkixxi ruħu għad-dannu ta' ħaddieħor għandu fil-limiti tal-arrikkiment iħallas lura u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna."*

Illi fid-dawl ta' dan, it-Tribunal sejjer jezamina t-talba attrci fid-dawl ta' l-Artiklu 1028A. Ghaldaqstant l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni citati mill-konvenut jirrendu ruhom mhux applikabbli stante illi l-attur

mhux ifittex hlasijiet li allegatament nefaq erbghin sena ilu ghal materjal jew ghax-xoghol li ghamel hu fil-binja tal-garaxx, minkejja illi dan it-Tribunal huwa konsapevoli illi l-maggor parti tax-xhieda attrici kienet ibbazata fuq dan il-binarju.

Illi kieku l-attur baqa jinsisti illi l-azzjoni tieghu kienet biss ghal hlas tal-materjal jew xoghol li sar, allura tali azzjoni kienet tigi preskritta ai termin ta' l-Artikoli 2148(a) u l-Artiklu 2149(a). Izda kif inghad, l-attur qed jaghmel talba wkoll ghal valur mizjud ta' l-art tal-konvenut b'konsegwenza tal-bini ta' dan il-garaxx.

Illi fid-dawl ta' dan, it-Tribunal ser jghaddi biex jezamina jekk l-attur jimmeritahx jiehu l-ammont ai termini ta' l-Artikolu 1028A tal-Kap.16.

Illi dan it-Tribunal primarjament jemmen illi x-xhieda imressqa mill-konvenut hija kredibbli mhux biss ghaliex hija konsistenti izda ghaliex fiha dettal, partikolarment ix-xhieda ta' Nikola Bezzina li telenka l-grajjiet ta' erbghin sena ilu b'mod car. F'dan ir-rigward, it-Tribunal ma jistax ma jikkumentax kif l-attur stenna dawn is-snin kollha sabiex jibda xi tip ta' azzjoni ghall-ispejjez li huwa jallega li ghamel madwar erbghin sena ilu. Il-fatti tal-kaz u kif zviluppaw maz-zminijiet jitfghu elementi ta' pika frivola illi wasslu ghal tali kawza.

Illi dan it-Tribunal iqis verosimili l-verzjoni moghtija mix-xhieda tal-konvenut u cioe illi dan il-garaxx inbena bis-sehem ta' diversi persuni fosthom familjari tal-konvenut stess. Kif ga inghad, il-verzjoni kif dettaljata mix-xhieda tal-konvenut taghti konvincement morali illi dan il-garaxx fuq art ta' missier il-konvenut kien inbena bis-sehem ta' missier il-konvenut u familjari ohra.

Illi ghar-rigward ta' l-ispejjez, dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju, a bazi ta' dak prodott bhala xhieda quddiemu, illi l-garaxx inbena b'mod volontarju mill-attur. Dan il-garaxx kien jintuza minn missier il-konvenut kif ukoll minn xi familjari ohra.

Illi dan it-Tribunal jaqbel ma' l-argument ta' l-abbli difensur tal-konvenut meta jghid illi r-rikorrenti ma jafx kemm ghandu jitlob bhala ammont ta' kumpens. Dan it-Tribunal jirrileva illi fit-talba ma kien hemm l-ebda ammont specifikat u sussegwentament fuq struzzjonijiet tat-Tribunal, gie ipprezentat prospett ta' xi spejjez jinvolvu fil-bini ta' garaxx bhal dak mertu tal-kawza. Illi dan juri illi l-attur ma kellux idea ta' xi spejjez, kemm-il darba kien hemm, kienu involuti u dan iwassal lil dan it-Tribunal biex jemmen it-tezi illi l-garaxx inbena bis-sehem ta diversi persuni u kulhadd iforni jew jissupplixxi dak li seta, minghajr aspettativa ta' rifuzjoni.

Illi l-attur kien meqjus bhala familjari tal-konvenut u kif jispjega x-xhud Nikola Bezzina kien jaqsam maghhom fil-prodotti li kienu jkabbru u kien igawdi mill-uzu tal-garaxx fuq l-art taghhom daqs wiehed tal-familja. Izda jidher illi l-attur wara l-mewt ta' missier il-konvenut hass illi ghandu jibqa jgawdi minn certu privileggi illi ma kienux garantiti jew protetti wara l-mewt ta' missier il-konvenut. Dan wassal ghal proceduri li waslu quddiem il-Qorti ta' l-Appell sabiex l-attur jigi zgumbrat minn tali garaxx.

Illi sussegwentament ghal dawn il-proceduri, l-attur qed jippretendi li ghandi jinghata kumpens talli huwa bena garaxx fuq l-art tal-konvenut illi huwa ge zgumbrat minnu. Izda fil-kors tal-proceduri, ma ngabet lanqas l-icken prova, ta kif il-konvenut ghamel arrekkiment minn dan il-garaxx f'nofs ghalqa.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, t-Tribunal sejjer jichad it-talba attrici u jakkollji l-eccezzjoni tal-konvenut illi l-ebda kumpens jew ammont mhu dovut lill-attur ghal xi arrikkament indebitu kif stabbilit taht l-Artikolu 1028A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi ma ngabet l-ebda prova sufficjenti li twassal ghal dan il-grad ta' prova.

**Decide**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad it-talba attriċi għaliex din ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi. L-ispejjez kollha ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-attur.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Ġudikant